# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru 658/05 AE**

**Abba Properties Limited (C 11281)**

**v.**

**Sovereign Caterers Limited (C 28364)**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tas-soċjetà konvenuta mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-28 ta' Settembru 2012 li permezz tiegħu qed titlob li din il-qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn intlaqgħu t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tagħha, (u konsegwentement is-somma ta' €11,646.87 ġiet dikjarata bħala somma ta' imgħax imposta kontra l-liġi);

(ii) tħassar u tirrevoka dik il-parti fejn ġew miċħuda l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tagħha, u minflok tgħaddi biex tilqagħhom u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanżi kontra s-soċjetà attriċi appellata.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Permezz ta' citazzjoni prezentata fit-12 ta' Lulju 2005 l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuta l-hlas ta' €58,234.33, import ta' cekk datat 15 ta' Mejju 2005 li ma ssarrafx meta gie pprezentat ghall-hlas.
>
> "Il-konvenuta wiegbet li:-
>
> 1. "Fit-28 ta' April 2005 Sovereign Caterers Limited kienet issellfet is-somma ta' €46,587 (Lm20,000) minghand l-attrici. Ammont li thallas flimkien ma' dejn iehor.
>
> 2. "L-attrici kienet iddelegat lill-konvenuta biex il-flus jithallsu lil Paul Zerafa u Vincent Borg ghan-nom ta' Francesco Attard, u l-hlas sar. Ghalhekk hemm lok li jissejhu fil-kawza dawn il-persuni.
>
> 3. "Fis-somma ta' €58,234.33 hemm imghax ta' €11,646.87, u ghalhekk hemm l-uzura.
>
> 4. "Ghalhekk gialadarba hemm l-uzura, l-obbligazzjoni hi nulla fir-rigward tal-ammont ta' flus li fih imghax iktar milli tippermetti l-ligi (Artikolu 986(2) tal-Kap. 16).

“Il-qorti rat ir-rapport li pprezenta l-perit komputista John A. Bonnici[1], u l-atti l-ohra kollha.

“Jirrizulta li wara li kienet prezentata l-kawza, intbaghtet ittra legali datata 28 ta’ Settembru 2005 ghan-nom ta’ Frank Attard, u li biha Ronald Azzopardi giet nfurmat li s-somma ta’ Lm180,000 dovuta lil Attard kellha tithallas lil Vincent Borg u Paul Zerafa li kienu ser jikkomunikaw mieghu ghan-nom ta’ Attar. A fol. 20 tal-process hemm kopja tal-iskrittura li Frank Attard kien ghamel ma’ dawn il-persuni u fejn jinghad:-

> *“Hereby appoint Vincent Borg (ID227554M), and Paul Zerafa (ID 148238M) as my lawful attorneys to appear on my behalf and in my interest and to prosecute any lawsuit arising in relation to debts owed by Ronald Azzopardi (700661M) to the principal, presently amounting to one hundred eighty thousand Malta Liri (Lm180,000).”*. Jinghad ukoll li Attard ser ihallashom kumpens ta’ Lm10,000 kif jigbor is-somma kollha.

“Sussegwentement Vincent Borg u Paul Zerafa ffirmaw dikjarazzjoni quddiem in-nutar Dr Liza Camilleri[2] fejn iddikjaraw li kienu rcevew minghand Ronald Azzopardi l-hlas kollu li kien dovut lil Frank Attard. Bis-sahha ta’ din id-dikjarazzjoni il-kumpannija konvenuta qeghda tippretendi li m’hijiex debitrici tal-attrici.

“Wara li l-qorti rat l-atti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

i. “Jibda biex jinghad li l-iskrittura li saret bejn Frenc Attard, Vincent Borg u Paul Zerafa, tirreferi ghall-flus li kellhom jinghataw minn Ronald Azzopardi personalment lil Frenc Attard persolament. Fl-iskrittura ma jissemmewx kumpanniji.

ii. “Minkejja dak li jinghad fid-dikjarazzjoni datata 6 ta’ Frar 2006, Paul Zerafa xehed li qatt ma rcevew flus minghand Ronald Azzopardi.

iii. “Ghalkemm Vincent Borg ikkonferma li rcevew il-hlas ta’ Lm95,000 minghand Azzopardi:-

(a) “Fi twegiba li hu u Zerafa pprezentaw fit-13 ta’ Gunju 2006 ghar-rikors tal-konvenuta prezentat fil-15 ta’ Mejju 2006[3], iddikjaraw fost’affarijiet ohra:-

> “*“Illi in effetti huwa veru illi l-istanti inghataw id-delega mis-socjeta attrici kif spjegat pero peress li l-esponenti ma rnexxilhomx jigbru ebda flus, din id-deroga giet debitament revokata kif del resto jista’ jikkonferma il-Professur Ian Refalo.”*[4].

[1] Prezentat fl-1 ta’ Settembru 2011 (fol. 366).
[2] Fol. 21.
[3] Fol. 26.
[4] Fol. 29.

(b) "F'ittra legali datata 14 ta' Jannar 2008 mibghuta ghan-nom ta' Paul Zerafa u Vincent Borg lid-difensur ta' Attard, jinghad:-

> "*"Ngharrfek illi Ronald Azzopardi ghadu ma hallas xejn mill-ammont ta' Lm180,000 li kellu jaghti lill-klijent tieghi."*.

(c) Fil-21 ta' Jannar 2008 Vincent Borg u Paul Zerafa ffirmaw dikjarazzjoni quddiem l-avukat Dr John Refalo fejn iddikjaraw li:-

> "*"qeghdin jircievu s-somma ta' elf lira maltin ghas-saldu tax-xogholijiet kollha li ghamlu in konnessjoni mal-prokura msemmija u jiddikjaraw li ma ghad fadallhom l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-werrieta ta' Frank Attard.*
>
> "*L-istess Vincent Borg u Paul Zerafa jiddikjaraw li jafu li l-imsemmija prokura giet itterminata u jikkonfermaw id-dikjarazzjoni mibghuta mill-avukat Jose Herrera tal-14 ta' Jannar 2008."*.

"Ifisser li regghu ikkonfermaw li ma rcevew l-ebda hlas minghand Azzopardi. Dan apparti li ghall-qorti m'huwiex verosimili li kienu ser joqghodu b'Lm1,000 jekk verament gabru Lm95,000 minghand Azzopardi, meta l-kumpens kellu jkun ta' Lm10,000 ghas-somma ta' Lm180,000. Vincent Borg ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' x'kienet ir-raguni ghalfejn thallsu biss fil-21 ta' Jannar 2008 ghax-xoghol li ghamlu, meta qal li fis-6 ta' Frar 2006 ircevew l-ahhar pagament li kien ta' Lm7,500.

"Dak li xehed Vincent Borg hu kontradett ghal kollox mill-imsemmija dokumenti.

iv. "Meta l-qorti ghamlet paragun bejn dak li qal Borg fl-affidavit u meta xehed in kontro-ezami, ma temminx il-verzjoni tieghu. Minkejja l-intervall qasir bejn id-data li hemm fuq l-affidavit (9 ta' Frar 2010) u meta xehed il-qorti (1 ta' Lulju 2010), id-deposizzjoni li ta quddiem il-qorti ma tirriflettix ic-certezza tal-fatti kif rakkontati fl-affidavit tieghu. Bizzejjed jinghad kif ix-xhud ma kienx kapaci jaghti spjegazzjoni kif f'iktar minn okkazzjoni kien ddikjara li ma rcieva l-ebda hlas minghand Azzopardi.

v. "Ronald Azzopardi qatt ma ta rendikont ta kif hallas is-somma ta' Lm95,000 lil dawn it-tnejn min-nies. Fir-rendikont li pprezenta illimita ruhu biex ighid li hallas Lm95,000 lil Vincent Borg u Paul Zerafa. Il-qorti kienet tippretendi li jaghti taghrif dwar kif saru l-pagamenti. Il-qorti tara wkoll stramb kif meta kienu jsiru dawn l-allegati pagamenti, Azzopardi ma kienx jinsisti ma dawn it-tnejn min-nies li jinghata ricevuta. Certament li kien fl-interess suprem ta' Azzopardi li jkollu prova dokumentarja tal-hlas li kien qed jaghmel lil tnejn min-nies li ma kienx jaf. Dan iktar u iktar jekk wiehed kellu jemmen dak li qal Vincent Borg li Azzopardi kien ikun *".....inkwetat meta jaghtina l-flus u ma*

*naghtuhx ricevuta."*[5]. F'dan ir-rigward Azzopardi xehed li lil dawn it-tnejn min-nies kien hallashom Lm95,000, u *"…..l-ikbar inkwiet li kelli cekkijiet ma jaccettawx u riedu cash bil-fors."*[6]. Jekk hu hekk iktar u iktar kien jinsisti li jinghata ricevuta jekk verament hallas.

vi. "Ronald Azzopardi lanqas ma ta spjegazzjoni kif irnexxielu jsib likwidita' bizzejjed biex ihallas Lm95,000 f'perjodu ta' 4 xhur. Dan meta ftit xhur qabel hu stess ammetta li l-kumpannija konvenuta ma kellix flus biex thallas il-pagi, u kien ghalhekk li rrikorra ghand Frenc Attard biex jghinu finanzjarjament. Indikazzjoni li tkompli ssahhah il-fehma tal-qorti li l-verzjoni ta' Azzopardi m'ghandix mis-sewwa.

vii. "Mill-provi jidher li l-flus li jirreferi ghalihom ic-cekk oggett ta' dawn il-proceduri, ittiehdu minn *kont overdraft* li kellha l-attrici mal-HSBC (071-087209-001). Wara li ttiehdet is-somma ta' Lm20,000 fil-kont kien ghad hemm Lm4,200 disponibbli. Fil-perjodu bejn 28 ta' Settembru 2005 u s-6 ta' Frar 2006 ma jirrizultax li f'dan il-kont gie depozitata somma flus ekwivalenti ghad-dejn li l-attrici kellha mal-bank. Fuq bilanc ta' probabilita l-qorti hi tal-fehma li jekk kif qal Borg thallset is-somma komplessiva ta' Lm95,000 fl-imsemmi perjodu, Frenc Attard kien ser jiddepozita bizzejjed flus fil-kont overdraft biex jaqta' d-dejn li kellu mal-bank u li sal-bidu ta' Frar 2006 kien fl-ammont ta' Lm20,702[7]. Jirrizulta li l-uniku depozitu li sar kien ta' Lm5,394.71 fit-8 ta' Novembru 2005, u dan permezz ta' cekk. Ghalkemm m'hemmx prova min kien hareg ic-cekk, ma setax kienet il-konvenuta ghaliex jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jemmen lil Azzopardi u Borg, flus kontanti thallsu lil Attard.

"F'dawn ic-cirkostanzi l-konkluzjoni tal-qorti hi li ma temminx il-verzjoni li ta Azzopardi u Borg. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha taghmel xi ezercizzju li jwassal ghal tfassil ta' *transaction history* tal-flus li ghaddew matul is-snin bejn il-partijiet, Frenc Attard u Ronald Azzopardi. Li jinteressa lill-qorti ghal finijiet ta' din il-kawza hu jekk is-somma ta' Lm25,000 li jirreferi ghalihom ic-cekk mahruga mill-konvenuta, thallsux. Il-qorti hi moralment konvinta li l-hlas ma sarx.

"Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenuta li fis-somma ta' Lm25,000 hemm inkluz Lm5,000 imghax ghall-perjodu ta' 17 il-jum[8], l-attrici strahet fuq ic-cekk. Mill-atti jirrizulta li:-

a. "Minn *overdraft account* li l-attrici kellha mal-HSBC (071-087209), fit-28 ta' April 2012 ittiehdet is-somma ta' Lm20,001.50[9]. Minn dokument li pprezenta Ronald Azzopardi jirrizulta li dakinhar

---

[5] Affidavit, fol. 126.
[6] Fol. 105.
[7] Fol. 305.
[8] Arikolu 986: *"(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1852 u, kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' xi ligi ohra, kull obbligazzjoni ghall-hlas ta' mghaxijiet f 'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla ghal dak li hu zejjed."*.
[9] Fol. 290.

stess il-bank hareg bank draft ghas-somma ta' Lm20,000. Is-somma ta' Lm1.50 tirreferi ghal spejjez tal-bank[10]. Il-qorti temmen li dan inghata lil Azzopardi in kwantu r-ricevuta relatata mal-bank draft qeghda fil-pussess tieghu.

b. "Minn rendikont tal-kont fuq imsemmi jirrizulta li l-attrici kellha facilita' bankarja sa Lm30,000[11]. Meta fit-28 ta' April 2005 inhargu l-flus kien ghad fadal bilanc ta' Lm4,200. Jekk il-konvenuta nghatat Lm25,000, x'inhi r-raguni ghalfejn il-bank draft ma kienx ghal iktar gialadarba kien ghad hemm is-somma ta' Lm4,200 disponibbli ? L-attrici ma tat l-ebda taghrif dwar dan.

c. "Permezz ta' nota prezentata fit-28 ta' Lulju 2010 l-attrici pprezentat kopja ta' skrittura datata 28 ta' April 2005, li tidher iffirmat minn Ronald Azzopardi, fejn jinghad:-

> "*"Jiena Ronald Azzopardi numru tal-karta tal-identita 700661(M) niddikjara li rcevejt is-somma ta' ghoxrin elf liri maltin (Lm20,000) bhala self minghajr imghax minghand Francis Attard numru tal-karta tal-identita 2366.*
>
> "*Is-sur Ronald Azzopardi, qed jidher ghan-nom tal-kumpannija Sovereign Hotels Ltd u jiddikjara li din is-somma tithallas mhux iktar tard min nhar it-28 ta' Gunju 2005."*[12].

"Ghalkemm jista' jigi propost li l-qorti m'ghandix tistrieh fuq il-verzjoni ta' Ronald Azzopardi meta tqies li pprezenta Dok. SC4 fl-isforz tieghu biex jikkonvinci lill-qorti li l-konvenuta hallset lura d-dejn, u liema dokument il-qorti hi moralment konvinta li ma jirriflettix il-verita, jibqa' l-fatt li mic-cirkostanzi fuq imsemmija l-qorti hi moralment konvinta li fis-somma reklamata hemm inkluza Lm5,000 imghax ghall-perjodu bejn it-28 ta' April 2005 u l-15 ta' Mejju 2005. Dan ifisser imghax iktar milli tippermetti l-ligi u ghalhekk dik is-somma ma tistatx tintalab il-hlas taghha. Hu minnu li fil-mori tal-kawza miet ir-rapprezentat tal-kumpannija attrici. Madankollu jibqa' l-fatt li qabel miet Frenc Attard kellu kull opportunita li jaghti l-verzjoni tieghu. Fil-5 ta' Mejju 2006 kienet ipprezentata t-twegiba guramentata, filwaqt li saret seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju fit-22 ta' Settembru 2006 li ghaliha attenda wkoll Attard. Il-fatt li Attard baqa' ma tax il-verzjoni tieghu ghaliex lehaq miet, ma jistax ikollu effett negattiv fuq it-tezi tal-konvenuta.

"Fl-ahharnett il-qorti tirreferi ghall-ahhar parti tan-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat il-konvenuta fil-5 ta' Gunju 2012. Wara li nghalqu l-provi, il-konvenuta qeghda ssostni li s-self ma sarx mill-attrici u ma sarx favur il-konvenuta. L-argumenti tal-konvenuta huma ghal kollox minghajr bazi meta tqies:-

---

[10] Ara dokument a fol. 17.
[11] Fol. 290.
[12] Fol. 350.

i. “Eccezzjonijiet ma jistghux jinghataw permezz ta’ nota ta’ sottomissjonijiet.
ii. “Mill-provi rrizulta li kienet l-attrici li harget il-flus.
iii. “Azzopardi qal li l-flus talabhom biex ihallas il-pagi tal-impjegati. Mill-provi ma rrizultax li Azzopardi jinnegozja jew ihaddem in-nies f’ismu personali. Dan apparti li fl-iskrittura a fol. 350 jinghad car hu tond li Ronald Azzopardi qieghed jidher ghal Sovereign Hotels Ltd.
iv. “Ic-cekk fih innifsu jikkrea relazzjoni kuntrattwali in kwantu hu dokument ta’ kreditu (ara sentenza **Marlene Vella et vs Avukat Dottor Antoine Gambin et** deciza mill-Prim’Awla[13] fis-26 ta’ April 2001). B’dak ic-cekk il-konvenuta kienet qeghda tirrikonoxxi li hi debitrici tal-attrici u c-cekk kien bizzejjed biex tinholoq relazzjoni guridika bejn il-partijiet fil-kawza.

“**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1.** “**Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni;**
**2.** “**Tilqa’ t-tielet u raba’ eccezzjoni fis-sens li fis-somma li tippretendi l-attrici hemm inkluza s-somma ta’ hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) imghax, u dan kontra l-ligi;**

“**u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-attrici s-somma ta’ sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47), bl-imghax b’sehh mill-15 ta’ Mejju 2005.**

“**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-konvenuta u 20% a karigu tal-attrici.**”.

## Rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta (16.10.2012)

**3.** Is-soċjetà konvenuta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

**4.** L-aggravji tagħha huma bażikament tnejn. Hija ssostni:

---

[13] Imhallef R. Pace.

(a) li s-soċjetà attriċi appellata ma rnexxilhiex tipprova li hija t-titolarja tal-kreditu pretiż minnha fil-konfront tagħha (is-soċjetà konvenuta appellanti); u

(b) li bla preġudizzju għas-suespost, hija (s-soċjetà konvenuta) kienet diġa ħallset dak kollu li kien dovut minnha lis-soċjetà attriċi appellata;

***(a) L-ewwel aggravju:*** *in-nuqqas ta' prova tal-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi appellata fil-konfront tas-soċjetà konvenuta appellanti*

**5.** Is-soċjetà konvenuta appellanti targumenta li jekk wieħed jifli d-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà attriċi appellata jsib li dawn jindikaw li s-self kollu kien isir minn Francesco Attard favur Ronald Azzopardi, u mhux mis-soċjetà attriċi appellata lilha (is-soċjetà konvenuta appellanti). Hija tirribatti għal diversi kummenti li saru fis-sentenza appelata u tagħmel referenza għas-segwenti dokumenti:

(i) **<u>Dok 11</u>** – skrittura datata 28.04.2005 fejn ġie dikjarat li Ronald Azzopardi għan-nom ta' Sovereign Hotels kien irċieva s-somma ta' Lm20,000 mingħand Francesco Attard;

(ii) **<u>Dok 8</u>** – prokura datata 28.09.2005 maħruġa minn Francesco Attard favur Vincent Borg u Paul Zerafa biex dawn jiġbru l-kreditu kollu

dovut lilu mingħand Ronald Azzopardi;

(iii) **<u>Dok SC2</u>** - ittra datata 28.09.2005 li tindika li l-kreditu kien qed jiġi pretiż minn Francesco Attard fil-konfront ta' Ronald Azzopardi;

***<u>(b) it-tieni aggravju</u>***: *is-soċjetà konvenuta appellanti diġa ħallset dak kollu dovut minnha lis-soċjetà attriċi appellata*

**6.** Is-soċjetà konvenuta appellanti tispjega li mhux ikkontestat bejn il-kontendenti li fit-28 ta' Settembru 2005 Francesco Attard kien qabbad lil Paul Zerafa u lil Vincent Borg biex jiġbrulu s-somma ta' Lm180,000 li skont l-istess Francesco Attard kienet dovuta minnha lis-soċjetà attriċi appellata. Tkompli tispjega kif Ronald Azzopardi kien xehed li ma kienx jaqbel mal-bilanċ u li sussegwentement kien intlaħaq ftehim li titħallas is-somma ta' Lm95,000 a saldu ta' dak kollu li kien dovut lis-soċjetà appellata. Taċċenna għax-xhieda ta' Vincent Borg fejn mhux biss ikkonferma li kien sar tali ftehim iżda kkonferma wkoll li hu u Paul Zerafa kienu filfatt irċevew is-somma ta' Lm95,000 u għaddewha lil Francesco Attard u li sussegwentement fis-6 ta' Frar 2006 kienet saret skrittura quddiem in-Nutar Liża Camilleri fejn iddikjaraw li ma kien għad fadal l-ebda ammont dovut mis-soċjetà konvenuta appellanti u minn Ronald Azzopardi personalment u mill-kumpaniji l-oħra tiegħu lil Francesco Attard u lill-kumpaniji l-oħra tiegħu.

**7.** F'dan ir-rigward is-soċjeta konvenuta appellanti tirribatti l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti u tirrileva li barra li ppreżentat ir-riċevuta datata 6 ta' Frar 2006 kienet ippreżentat ukoll riċevuta oħra datata 29 ta' Diċembru 2002 (Dok ND1[14]) liema riċevuta ma ġietx ikkonsidrata mill-ewwel Qorti. Tispjega li din ir-riċevuta debitament iffirmata minn Francesco Attard tikkonferma li dakinhar stess huwa kien irċieva s-somma ta' Lm105,000 mingħand Ronald Azzopardi a saldu ta' dak kollu li kien dovut lis-soċjetà attriċi appellata sad-29 ta' Novembru 2002.

**8.** Tissottometti li skont l-Appendiċi C tar-rapport tal-perit komputista ma kien hemm l-ebda transazzjonijiet bejn l-24 ta' Lulju 2002 u t-8 ta' Jannar 2003 u għalhekk tgħid li mhux korretta l-konklużjoni tal-perit li fit-8 ta' Jannar 2003 kien hemm Lm80,960 (kapital u imgħax) dovuti minnha lis-soċjetà attriċi appellata. Targumenta illi għalhekk il-konklużjoni tal-perit komputista li dakinhar li ġiet intavolata din il-kawża (12 ta' Lulju 2005) kien fadal bilanċ ta' Lm94,115.00 hija żbaljata wkoll.

**<u>Risposta tal-appell tas-soċjetá attriċi appellata (13.06.2016)</u>**

**9.** Is-soċjetà attriċi appellata wieġbet biex tgħid illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

---
[14] Fol 384

**10.** Fir-rigward tal-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti, hija tgħid li dan l-aggravju huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kreditu filfatt ma kienx bejn il-kontendenti iżda bejn Francesco Attard personalment kontra Ronald Azzopardi personalment. Hija tosserva li dan l-aggravju effettivament jirreferi għal eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tagħha (is-soċjetà attriċi appellata) u għall-eċċezzjoni li s-soċjetà konvenuta appellanti mhix il-leġittimu kontradittur: it-tnejn eċċezzjonijiet li ma tqajmux mis-soċjetà konvenuta u li għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu.

**11.** Fi kwalunkwe każ hija ssostni li l-eżistenza tal-kreditu bejn il-partijiet jinsab oltre minn provat. Taċċenna għall-ispjegazzjoni li kien ta l-perit komputista fir-rigward tas-sistema li kienu jużaw il-partijiet fir-rigward tat-transazzjonijiet ta' self. Tispjega li l-flus li kienu jisselfu kienu joħorġu minn *overdraft account* li hija kellha mal-HSBC u jgħaddu tramite Frenc Attard personalment lis-soċjetà konvenuta appellanti. Tkompli tispjega li mbagħad is-soċjetà konvenuta appellanti kienet toħroġ ċekk *post- dated* kontra l-istess self. Iżżid tgħid li din is-sistema filfatt tinsab spjegata minn Ronald Azzopardi stess.

**12.** Issostni li huwa ċar illi s-self mertu tal-kawża odjerna sar minnha lis-soċjetà konvenuta appellanti u tgħid li dan hu rifless fiċ-ċekk li kien

inħareġ *post-dated* fil-mument tas-self mill-istess soċjetà konvenuta appellanti. Taċċenna għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Marlene Vella et v. Av. Dr Antoine Gambin et** fejn ġie ritenut li ċekk huwa kkonsidrat ukoll bħala dokument ta' kreditu, oltre mezz ta' pagament.

**13.** Tagħmel referenza wkoll għax-xhieda ta' Ronald Azzopardi tal-25 ta' Ġunju 2006 fejn kien spjega li kumpanija oħra tiegħu, tramite liema kien jopera lukandi, kellha problemi finanzjarji u ma kellhiex biex tħallas lill-impjegati, u għalhekk huwa ssellef Lm20,000. Targumenta illi dan il-motiv tas-self jikkonferma li l-persuna li sselfet kienet is-soċjetà konvenuta appellanti.

**14.** Fir-rigward tat-tieni aggravju, is-soċjetà attriċi appellata ssostni li dan huwa għal kollox infondat u msejjes biss fuq xhieda falza u verżjonijiet inveritjieri mogħtija minn Ronald Azzopardi u Vincent Borg.

**15.** Hija fl-ewwel lok tirrileva li l-prokura li permezz tagħha Frenc Attard kien inkariga lil Borg u lil Zerafa biex jiġbru l-flus mingħand Azzopardi ma kenitx tirreferi għal djun bejn il-kumpaniji ta' Attard u Azzopardi iżda għad-djun l-oħra li kellhom personalment. Targumenta għalhekk li ma jistax jingħad li l-prokuraturi mqabbda minn Attard ġabru flejjes li kienu dovuti lilha mis-soċjetà konvenuta appellanti. Iżżid tgħid li

fi kwalunkwe każ jirriżulta li filfatt l-imsemmija prokuraturi qatt ma rnexxielhom jiġbru xejn mingħand Azzopardi jew il-kumpaniji tiegħu. Tgħid li l-kontradizzjonijiet fix-xhieda jistgħu jwasslu biss għall-konklużjoni li x-xhieda ta' Borg (fejn jgħid li hu u Zerafa kienu tħallsu mingħand Azzopardi) hija waħda falza u inveritiera.

**16.** Tgħid li l-verżjoni ta' Zerafa tinsab konfermata mill-ittra tad-difensur tal-prokuraturi Zerafa u Borg datata 14 ta' Jannar 2008 (u cioè wara li nfetħet il-kawża) fejn jingħad li "*Ronald Azzopardi għadu ma ħallas xejn mill-ammont ta' Lm180,000 li kellu jagħti lill-kljenti tiegħi*". Tirreferi wkoll għad-dikjarazzjoni li ġiet iffirmata fil-21 ta' Jannar 2008 minn Borg u Zerafa quddiem id-difensur tagħha, fejn kien ġie konfermat għal darb' oħra li l-istess prokuraturi ma kienu ġabru l-ebda flus mingħand Azzopardi. Iżżid tgħid li kif sew osservat l-ewwel Qorti, permezz ta' din id-dikjarazzjoni il-prokuraturi kienu tħallsu Lm1,000 bħala kumpens għax-xogħol li kienu għamlu, u dan meta kienu mwegħda kumpens ta' Lm10,000. Tgħid li kieku l-verżjoni ta' Borg kienet korretta, u l-prokuraturi verament kien irnexxilhom jiġbru Lm95,000 mingħand Azzopardi, ċertament li ma kienux ser jikkuntentaw b' Lm1,000 biss.

**17.** Tkompli tgħid li l-verżjoni mogħtija minn Borg u Azzopardi hija mimlija elementi inverosimili: partikolarment fir-rigward tal-verżjoni li

Azzopardi kien jaċċetta li jħallas somom kbar mingħajr ma jingħata riċevuta. Tirreferi għall-allegazzjoni ta' Azzopardi li huwa m'għandux riċevuti għaliex kien iħallas flus kontanti direttament lil Frenc Attard "*għax dak kont intih cheque u jtihuli lura u nqattgħu*". Targumenta li tali verżjoni ma ssegwix: li kieku Azzopardi verament kien ħallas kif allega li għamel, allura ċ-ċekk li ma ssarrafx (mertu tal-kawża odjerna) ma kienx ikun fil-pussess tagħha għaliex kien ikun ġie distrutt.

**18.** Inoltre tikkummenta illi huwa ferm suspettuż li wara li Azzopardi xehed li kien iżomm nota dettaljata tal-pagamenti li jkun għamel, meta ppreżenta rendikont fuq talba tal-ewwel Qorti kien hemm imniżżla s-somma ta' Lm95,000 sħiħa bħal li kieku sar pagament wieħed f'dak l-ammont.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti**

*Sfond*

**19.** Din il-kawża tirrigwarda ċekk[15] datat 15 ta' Mejju 2005 fl-ammont ta' Lm25,000 maħruġ mis-soċjetà konvenuta appellanti Sovereign Caterers Ltd u pagabbli lis-soċjetà attriċi appellata Abba Properties Ltd. Kif jirriżulta mir-"*Returned Cheque Advice*"[16] maħruġ mill-bank HSBC

[15] Kopja taċ-ċekk a fol 6
[16] Returned Cheque Advice – fol 5

dan iċ-ċekk ma ssarrafx u kien għalhekk li ġiet intavolata din il-kawża.

*Deċiżjoni tal-ewwel Qorti*

**20.** L-ewwel Qorti kkonkludiet li in kwantu Lm5,000 mill-ammont ta' Lm25,000 jirrappreżenta imgħax għal perijodu ta' sbattax-il ġurnata, u għalhekk iktar minn dak li tippermetti l-liġi, ma tistax is-soċjetà attriċi titlob il-ħlas tiegħu.

**21.** Fir-rigward tal-ammont ta' Lm20,000 invece, l-ewwel Qorti kienet moralment konvinta li:

(i) dawn kienu dovuti mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, u li

(ii) il-ħlas ma sarx.

Kif fuq spjegat, is-soċjetà konvenuta fir-rikors tal-appell tagħha ssostni l-kuntrarju.

***<u>L-ewwel aggravju</u>:*** *jekk l-Lm20,000 kienux dovuti mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi*

Is-soċjetà konvenuta appellanti ssostni li kienet żbaljata l-ewwel Qorti

meta kkonkludiet li l-ammont ta' Lm20,000 ġew mislufa lilha (Sovereign Caterers Ltd) mis-soċjetà attriċi appellata (Abba Properties Ltd) u targumenta invece li s-self sar minn Francesco Attard (direttur tas-soċjetà Abba Properties Ltd) lil Ronald Azzopardi (direttur ta' Sovereign Caterers Ltd) fil-kapaċità personali tagħhom.

**22.** Is-soċjetà attriċi appellata fir-risposta tal-appell tagħha, tikkummenta li allura s-soċjetà konvenuta appellanti kienet qed tqajjem l-eċċezzjonijiet tan-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tagħha (s-soċjetà attriċi appellata) u li s-soċjetà konvenuta appellanti mhix il-leġittima kontradittriċi tagħha (u ċioe' tas-soċjeta' attriċi appellata); iżda dawn l-"eċċezzjonjiet" tqajmu fin-nota tas-sottomissjonijiet wara li ngħalqu l-provi u mhux fin-nota tal-eċċezzjonijiet. Is-soċjetà konvenuta appellanti tħossha aggravata bil-kumment tal-ewwel Qorti li dawn l-"eċċezzjonijiet" kellhom jitqajmu proprju fin-nota tal-eċċezzjonijiet, u targumenta li indipendentement minn jekk tqajmux jew le fin-nota tal-eċċezzjonijiet kellhom jiġu kkonsidrati mill-ewwel Qorti bħala parti mill-istħarriġ tagħha biex tara jekk is-soċjetà attriċi kienx irnexxielha tipprova l-każ tagħha.

**23.** L-ewwel Qorti pero`, nonostante li kkummentat li (tali) eċċezzjonijiet ma jistgħux jingħataw permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet, xorta waħda qisithom, iżda dehrilha li kienu infondati.

Waslet għal tali konklużjoni abbażi ta' tlett raġunijiet:

(i) il-fatt li rriżulta li kienet is-soċjetà attriċi li ħarġet l-Lm20,000;

(ii) il-fatt li Ronald Azzopardi qal li kellu bżonn il-flus biex iħallas lill-impjegati (u ma jirriżultax li jinnegozja jew iħaddem in-nies f'ismu personali), u

(iii) l-argument li bil-mod kif kien indirizzat iċ-ċekk is-soċjetà konvenuta kienet qed tirrikonoxxi li hija debitriċi tas-soċjetà attriċi.

Filfatt dawn it-tlett raġunijiet innifishom jifformaw parti minn dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuti appellanti li din il-qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra.

**24.** Fl-ewwel lok issir referenza għad-Dok SC1[17] li huwa riċevuta ta' *bank draft* datata 28 ta' April 2005 fl-ammont ta' Lm20,000 maħruġa mill-bank HSBC (*branch* tal-Gżira) fuq isem Francesco Attard fuq applikazzjoni ta' Abba Properties Ltd. L-ispejjeż tal-bank kienu jammontaw għal Lm1.50. L-ammont ta' Lm20,001.50 kien filfatt ittieħed mill-kont kurrenti bin-numru 071-087209 (b'faċilità *overdraft*) li kellha s-soċjetà attriċi Abba Properties mal-bank HSBC.[18]

**25.** Veru li kif ikkummenta l-perit komputista dan id-dokument SC1

[17] Riċevuta ta' Bank Draft, fol 17, ippreżentata mis-soċjetà konvenuta appellanti mar-risposta ġuramentata tagħha

[18] Ara l-istatement a fol 290 u r-riċevuta tal-"withdrawal" ta' Lm20,000 a fol 291

*per se* ma jindikax li l-ġbid tal-flus sar għal skop ta' self lis-soċjetà konvenuta jew lil Ronald Azzopardi. Hija ferm valida pero` l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti u cioè illi r-riċevuta tal-*bank draft* kienet fil-pussess ta' Ronald Azzopardi (għaliex filfatt tali dokument ġie esebit minnu), fatt li jindika li tali somma kienet ingħatat lilu. Filfatt Ronald Azzopardi stess spjega fix-xhieda tiegħu[19] illi huwa involut "*f'kumpanija oħra ta' lukandi*" u li minħabba problemi ta' likwidità ma kienx hemm minn fejn jitħallsu l-pagi tal-impjegati, u li għalhekk Frenc Attard kien offra li jisilfu Lm20,000 bil-patt li joħroġlu ċekk *post-dated* bi tlett ġimgħat għall-istess ammont ta' Lm20,000 u wkoll b'Lm5,000 imgħax, cioè għal Lm25,000. Spjega kif huma allura kienu marru flimkien il-bank (il-*branch* tal-Gżira) u Attard kien għaddielu l-flus. "*Dan iċ-ċekk*[20] *ħareġ mill-kont ta' Abba Properties fuq isem Francesco Attard u ffirmah fuq wara Francesco Attard*….*endorsjah fuq wara*".

**26.** Proprju dakinhar, fit-28 ta' April 2005 Ronald Azzopardi iffirma dikjarazzjoni (Dok 11) [21] fejn qal illi "…*irċevejt is-somma ta' għoxrin elf liri maltin (Lm20,000) bħala self mingħajr imgħax mingħand Francis Attard*….". Ippreċiża li kien qed jidher "…*għan-nom tal-kumpanija Sovereign Hotels Ltd*" u ddikjara li s-somma kellha titħallas mhux iktar tard mit-28 ta' Ġunju 2005.

[19] Xhieda ta' Ronald Azzopardi tal-25.06.2009, fol 74 et seq
[20] jew aħjar, draft
[21] Fol 350

**27.** Għalkemm tali dikjarazzjoni ma fiha l-ebda referenza għal xi *post-dated cheque*, u għalkemm hemm speċifikat li s-self kien qed isir bla imgħax, f'dik l-istess ġurnata Ronald Azzopardi ħareġ *post-dated cheque* fl-ammont ta' Lm25,000 (li jinkludi l-imgħax ta' Lm5,000) kif ried Attard. Fix-xhieda tiegħu b'referenza għaċ-ċekk mertu tal-kawża[22] datat 15 ta' Mejju 2005, huwa kkonferma li "*Hriġtu fit-28 ta' April 2005 u post-dated għall-15 ta' Mejju 2005*". Ikkonferma wkoll li l-firma fuqha hija tiegħu.

**28.** Jiġi osservat ukoll li minkejja li fid-dikjarazzjoni (Dok 11) Ronald Azzopardi qal li kien qed jissellef is-somma ta' Lm20,000 għan-nom tas-soċjetà konvenuta Sovereign Hotels Ltd, l-imsemmi *post-dated cheque* iffirmat minnu dakinhar stess filfatt inħareġ mis-soċjetà konvenuta Sovereign Caterers Ltd. Għalkemm fid-dikjarazzjoni ma speċifikax jekk is-somma ta' Lm20,000 kienx issellifha mingħand Francis Attard personalment jew le, wieħed ma jistax ma jinnotax li l-*post-dated cheque* jgħajjat proprju lis-soċjetà attriċi Abba Properties Ltd.

**29.** Is-soċjetà konvenuta appellanti tikkontesta li ċ-ċekk *per se* huwa prova biżżejjed tar-relazzjoni ġuridika ta' bejn il-kontendenti. Din il-qorti pero` tosserva li apparti ċ-ċekk, hemm ukoll in-nota tal-eċċezzjonijiet stess datata 15 ta' Mejju 2006 (u d-dikjarazzjoni ġuramentata tas-soċjetà konvenuta) li filfatt tikkonferma li kien hemm din ir-relazzjoni

[22] Fol 6

ġuridika bejn il-partijiet. F'tali nota tal-eċċezzjonijiet/dikjarazzjoni ġuramentata, is-soċjetà konvenuta *inter alia* tiddikjara s-segwenti:

- fit-28 ta' April 2005 is-soċjetà konvenuta sselfet Lm20,000;
- meta sar il-pagament sar fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi;
- is-soċjetà attriċi iddelegat lil Paul Zerafa u lil Vincent Borg biex is-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont dovut lilha;
- minkejja li sar il-pagament is-soċjetà attriċi qed tinsisti li ma rċevietx il-pagament;
- is-soċjetà konvenuta isselfet il-flus meta kienet f'mument ta' pressjoni ekonomika kbira, u kien għalhekk li kienet kostretta tgħaddi ċ-ċekk ta' Lm25,000 (b'interessi ta' Lm5,000) lis-soċjetà attriċi in linea ta' ripagament;
- kien hemm użura da parti tas-soċjetà attriċi.

**30.** Mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni dwar użura (li mhux mertu ta' dan l-appell) u fil-kwistjoni dwar il-pagament (li huwa mertu tat-tieni aggravju, li din il-qorti ser tikkonsidra aktar 'il quddiem) minn tali dikjarazzjoni jirriżulta ampjament rikonoxxut mis-soċjetà konvenuta appellanti stess illi s-self sar mis-soċjetà attriċi lilha, u għalhekk ċ-ċekk innifsu huwa sempliċiment konferma ta' dan.

**31.** Fil-fehma ta' din il-qorti l-"eċċezzjoni" dwar in-nuqqas ta' interess

ġuridiku u l-"eċċezzjoni" li s-soċjetà konvenuta mhix il-leġittima kontradittriċi tqajmu fin-nota tas-sottomissjonijiet sempliċiment bħala "*an afterthought*".

**32.** Għalkemm is-soċjetà konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell tagħha tagħmel referenza għad-dokumenti Dok 8 (prokura rigwardanti kif kellhom jinġabru flejjes dovuti minn Ronald Azzopardi lil Frenc Attard) u d-Dok SC2 (dikjarazzjoni li l-flejjes m'għadhomx dovuti stante pagament) u ssostni li minnhom jirriżulta li r-relazzjoni ġuridika fir-rigward tas-somma mislufa kienet bejn Frenc Attard u Ronald Azzopardi personalment, dawn huma datati 28 ta' Settembru 2005, u cioè wara li ġraw il-fatti li taw lok għall-kawża u proprju wara li ġiet intavolata l-kawża innifisha. Din il-qorti ser tqishom fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju (li jirrigwarda l-kwistjoni dwar il-pagament) iżda hi tal-fehma li ma għandhiex tagħtihom piż għall-finijiet ta' dan l-ewwel aggravju.

**33.** In vista ta' dan kollu, l-ewwel aggravju huwa fil-fehma ta' din il-qorti, bla bażi.

***<u>It-tieni aggravju</u>:*** *jekk l-Lm20,000 tħallsux mis-soċjetà konvenuta appellanti lis-soċjetà attriċi appellata*

**34.** Meta s-soċjetà attriċi marret biex issarraf il-*post-dated cheque* tal-15 ta' Mejju 2005 fl-ammont ta' Lm25,000 (li jinkludi l-Lm5,000 imgħax) maħruġ mis-soċjetà konvenuta u dan ma ssarrafx, hija fit-12 ta' Lulju 2005 intavolat din il-kawża.

**35.** Is-soċjetà konvenuta ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni fil-25 ta' April 2006 (u ppreżentat in-nota tal-osservazzjonijiet tagħha fil-15 ta' Mejju 2006).

**36.** Fil-frattemp, cioè qabel ma s-soċjetà konvenuta ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni odjerna, Frenc Attard kien ġie mħajjar mir-raġel ta' bintu, Paul Vella, biex jinkariga żewġ persuni (Vincent Borg u Paul Zerafa) sabiex huma personalment jiġbru l-ammonti kollha ta' flus li kellu jieħu mingħand Ronald Azzopardi riżultat tan-negozjati li kellhom flimkien (inkluż l-ammont mertu tal-kawża odjerna).

**37.** Paul Vella fix-xhieda tiegħu[23] spjega kif Frenc Attard kien ilmenta miegħu li sellef il-flus lil Ronald Azzopardi u li dan ma kienx tahomlu. Qal li huwa kien jaf lil ċertu Alfred (Camilleri) u kien qallu bil-problema li kellu missier il-mara tiegħu, Frenc Attard, ma' Ronald Azzopardi u dan Camilleri kien semmielu lil ċertu Vincent Borg u lil Paul Zerafa li setgħu jgħinuh jiġbor il-flus.

[23] Xhieda ta' Paul Vella, 25.06.2009, fol 93 et seq

**38.** Kien għalhekk li fit-28 ta' Settembru 2005 saret il-prokura Dok SC3[24] li permezz tagħha Frenc Attard inkariga lil Paul Zerafa u lil Vincent Borg sabiex jiġbru s-somma ta' Lm180,000 mingħand Ronald Azzopardi. Ġie miftiehem li hekk kif huma jiġbru tali ammont kellu jħallashom "*commission of ten thousand Malta Liri*". Fuq din il-prokura jidhru l-firem ta' Frenc Attard, Vincent Borg u Paul Zerafa. Jidhru wkoll il-firem ta' Paul Vella u Alfred Camilleri bħala xhieda tal-firem.

**39.** Ronald Azzopardi fix-xhieda tiegħu[25] spjega li kien irċieva ittra datata proprju t-28 ta' Settembru 2005[26] mingħand l-avukat Mark Refalo, id-difensur ta' Frenc Attard, li permezz tagħha informah li l-istess Frenc Attard kien qabbad bħala prokuraturi lil Vincent Borg u lil Paul Zerafa biex dawn jiġbru l-ammont ta' Lm180,000 mingħandu. L-ittra kellha annessa magħha kopja tal-prokura. Fix-xhieda tiegħu Azzopardi jispjega li l-ammont ta' Lm180,000 jinkludi l-Lm25,000 (l-ammont taċ-ċekk mertu tal-kawża odjerna). "*Nerġa' nirrepeti Lm25,000 huma inkorporati fil-Lm180,000…*".

***40.*** Azzopardi xehed ukoll illi lil Paul Zerafa u Vincent Borg kien ħallashom iżda kien tahom l-ammont ta' Lm95,000 u mhux ta' Lm180,000 għaliex lil Frenc kien għamillu xi pagamenti preċedentement. "*Spjegajtlu lil Frenc Attard x'pagamenti għamilt u l-*

[24] Prokura tat-28.09.2003, fol 20
[25] Xhieda ta' Ronald Azzopardi, 25.06.2009, fol 74 et seq
[26] Dok SC2, fol 18

*original claim hawn qegħda Lm180,000 bl-imgħax imma jien kont tajtu qabel*". Huwa ppreżenta Dok CHQ[27] li huwa rendikont ta' pagamenti li kien għamel lil Frenc Attard:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | 4 ta' Settembru 2003 | Bank Draft BOV 316392 | Lm 23,200 |
| 2. | 12 ta' Diċembru 2003 | Bank Draft APS 355726 | Lm 3,500 |
| 3. | 30 ta' Settembru 2003 | HSBC CHQ 350 | Lm 350 |
| 4. | 5 ta' April 2004 | HSBC CHQ 51 | Lm 15,000 |
| 5. | 8 ta' Awwissu 2005 | HSBC CHQ 472 | Lm 25,000 |
| 6. | 8 ta' Awwissu 2005 | HSBC CHQ 473 | Lm 10,000 |
| 7. | Pagamenti cash lid-Debt Collectors Vincent Borg u Paul Zerafa | | Lm 95,000 |
| TOTAL | | | Lm177,070 |

***41.*** Jiġi osservat illi l-pagamenti li allegatament saru f'Awwissu 2005 ma jirrigwardawx ir-ripagament tas-self tat-28 ta' April 2005 mertu ta' din il-kawża u skont l-istess Azzopardi jsegwi li dawn kienu allura inklużi fil-Lm95,000 li allegatament ġew imħallsa lill-prokuratturi Borg u Zerafa. Għalkemm fir-rendikont il-Lm95,000 ġew indikati bħala pagament wieħed, Azzopardi xehed li dawn kienu filfatt tħallsu f'diversi pagamenti: "*Ninety five thousand staggered on payments u l-ikbar inkwiet li kelli ċekkijiet ma jaċċettawx u riedu bil-fors cash…..Ninety five thousand b'kollox għax ħdimniha u qalli ninety five thousand imbagħad ittini qsamthomlhom f'pagamenti diversi, kienu jiġu warajja anke l-bank, kienu jiġu warajja sa darba lejliet il-Milied wara l-bank tal-HSBC l-*

[27] Dok CHQ, fol 108

*Imsida*".

**42.** Ronald Azzopardi jispjega li meta ħallas dawn l-Lm95,000 Vincent Borg kien qallu "*…ħa nurik kemm jien raġel, immorru għand in-nutar u nagħmlu riċevuta kif trid int, u ġie Paul Zerafa wkoll*". Huwa ppreżenta skrittura datata 6 ta' Frar 2006[28] li fuqha, b'referenza għall-prokura u għall-ittra tal-Avukat Refalo datati 28 ta' Settembru 2005, ġie dikjarat li l-ammont "*m'għadux dovut minn Ronald Azzopardi….stante pagament in full and final settlement lilna…*". Din l-iskrittura ġiet iffirmata minn Borg u Zerafa u fuqha jidhru wkoll it-timbru u l-firma tan-Nutar Liza Camilleri bħala xhud tal-firma.

**43.** Pero` l-verżjonijiet ta' Vincent Borg u ta' Paul Zerafa fir-rigward tal-allegat ħlas ta' Lm95,000 u ċ-ċirkostanzi li fihom ġiet iffirmata l-iskrittura tas-6 ta' Frar 2006 huma konfliġġenti.

***44.*** Paul Zerafa[29] kkonferma li hu u Vincent Borg kienu ġew inkarigati minn Frenc Attard biex jiġbru Lm180,000 mingħand Ronald Azzopardi, iżda ċaħad li hu u Vincent Borg effettivament qatt ġabru xi flus mingħandu. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tas-6 ta' Frar 2006 li saret quddiem in-nutar Liza Camilleri xehed li hija waħda falza. Qal li hu ma jafx jaqra u kien iffirma fejn qalulu. "*Dan ġie Censu Borg qalli imxi*

[28] Dok CHQ7, fol 117
[29] Xhieda ta' Paul Zerafa tal-25.06.2009, fol 81 et seq

*miegħi u ħadni Vincenti Building quddiem sinjura ma nafx min hi u ġab xi karti qalli biex jirranġa mal-mara, kellu xi kwistjoni mal-mara qalli, u ffirmalu. Ċensu qalli din mhux fuq flus, din għax kellu xi kwistjoni mal-mara s-sur Renu u ffirmajtlu*". Huwa sostna li meta ffirma għand in-nutar ma kienx rigwardanti flus. "*Mela ffirmajt għax tani l-mija u tmenin elf mela qed taħsibni miġnun?...Ma qrajthiex il-karta jien, ġabhieli Ċensu*".

**45.** Vincent Borg[30] fl-affidavit tiegħu (maħluf fid-9 ta' Frar 2010) xehed illi ftit wara li saret il-prokura tat-28 ta' Settembru 2005, hu u Zerafa, flimkien ma' Frenc Attard u Paul Vella kienu ltaqgħu fl-uffiċċju ta' Ronald Azzopardi u Azzopardi kien spjega lil Frenc Attard li diġa kienu saru xi pagamenti u għalhekk ma kienx jaqbel mas-somma ta' Lm180,000. Attard qal li ried jiċċekkja xi affarijiet qabel ma jikkonferma kemm kellha tkun is-somma. Qal li sussegwentement, "*…għall-ħabta ta' nofs Ottubru 2005, Frenc Attard ġie sab lili u l-Paul Zerafa fejn qalilna li s-somma dovuta hija ta' Lm95,000 bl-imgħaxijiet b'kollox*". Qal li Attard talabhom jemendaw il-prokura fir-rigward tal-kummissjoni li kellu jtihom, u cioè biex flok Lm10,000 jagħtihom Lm5,000, iżda huma ma aċċettawx.

**46.** Kompla jgħid li wara li ġiet stabbilita s-somma ta' Lm95,000 hu u Zerafa bdew jikkomunikaw ma' Azzopardi fir-rigward tal-pagamenti. Spjega li Azzopardi ma ħallasx is-somma f'daqqa iżda fuq perijodu ta'

[30] Affidavit ta' Vincent Borg, Dok VB, fol 124 et seq

madwar erba' xhur. Qal li huma qatt ma aċċettaw ċekkijiet mingħand Azzopardi. "*Konna ngħidulu li l-irċevuta nagħtuhielek meta tkun ħallast sal-inqas ċenteżmu*". Qal li l-aħħar pagament li kien għamel Azzopardi kien ta' Lm7,500 fis-6 ta' Frar 2006 u huwa (Azzopardi) "*kien ħareġ karta ittajpjata li kienet l-irċevuta….ried li niffirmawha quddiem Nutar. Sew jiena u sew Paul Zerafa ma sibna l-ebda oġġezzjoni u filfatt dak il-ħin stess morna għand mara nutara li kelha l-uffiċju ġewwa Vincenti Buildings fi Strada Stretta*". Jikkonferma li "*…s-somma li ġbarna mingħand Ronald Azzopardi għal Frenc Attard hi ta' Lm95,000 in full and final settlement*".

**47.** Kontro-eżaminat[31] reġa' kkonferma li għalkemm il-prokura kienet għal Lm180,000 imbagħad Frenc Attard kien accetta li l-ammont dovut kellu jkun ta' Lm95,000. Reġa' ikkonferma li Azzopardi filfatt kien ħallashom l-Lm95,000. "*Kien itina l-flus u nħallsu l-Frenc imbagħad*".

**48.** Din il-qorti pero` tosserva li nonostante l-verżjoni ta' Vincent Borg li Azzopardi ħallashom l-Lm95,000, din ġiet kontradetta f'diversi okkazjonijiet minnu stess:

(i) Meta s-soċjetà konvenuta fil-15 ta' Mejju 2006 ippreżentat rikors sabiex jiġu kjamati fil-kawża Borg u Attard, huma t-tnejn, fit-13 ta' Ġunju

---

[31] Kontro-eżami ta' Vincent Borg, 01.07.2010, fol 138 et seq

2006[32] kienu opponew għal tali talba billi qalu "*veru illi l-istanti ingħataw id-delega mis-soċjetà attriċi kif spjegat pero` peress li l-esponenti ma rnexxilhomx jiġbru l-ebda flus, din id-deroga (sic) ġiet debitament revokata kif del resto jista' jikkonferma l-Professur Ian Refalo*". (sottolinear ta' din il-qorti).

(ii) Fl-14 ta' Jannar 2008[33], l-Avukat Dr David Camilleri kien kiteb lil Dr Ian Refalo fejn informah li kien qed jikteb fl-interess ta' Paul Zerafa u Vincent Borg u qallu "*Ngħarrfek illi Ronald Azzopardi għadu ma ħallas xejn mill-ammont ta' Lm180,000 li kellu jagħti lill-klijenti tiegħi*".

(iii) Fil-21 ta' Jannar 2008[34], Vincent Borg u Paul Zerafa quddiem l-Avukat Dr John Refalo iffirmaw ftehim ma' Paul Vella u John Agius in rappreżentanza tal-werrieta ta' Frenc Attard, u b'referenza għall-prokura tal-28 ta' Settembru 2005 iddikjaraw illi kienu qegħdin jirċievu s-somma ta' Lm1,000 għas-saldu tax-xogħlijiet li għamlu in konnessjoni magħha u wkoll li jafu li tali prokura ġiet itterminata u kkonfermaw id-dikjarazzjoni mibgħuta mill-avukat tagħhom fl-14 ta' Jannar 2008.

**49.** Vincent Borg fil-kontro-eżami tiegħu filfatt ikkonferma li wara li miet Frenc Attard, hu u Zerafa kienu ħadu mingħand il-werrieta elf lira (Lm1,000) biss tax-xogħol li għamlu. L-avukat John Refalo, id-difensur

[32] Fol 29
[33] Fol 161
[34] Fol 159

tas-soċjetà attriċi fakkru li meta kienu ħadu l-elf lira "*Jiena kellimtkom diversi drabi lilek u lil Pawlu anke flimkien u lili dejjem għidtuli li ma tħallastu xejn mingħand Ronald…*".

**50.** L-ewwel Qorti stess in vista ta' dan, waqt il-kontro-eżami tal-istess Borg uriet it-tħassib tagħha: "*…qed jinkwetani l-fatt li inti qed tgħidli li s-sur Azzopardi takom b'kollox ħamsa u disgħin elf li għaddejtuhom lil Attard u l-avukat qed jgħidli li inti għidtlu li ma kont irċevejt xejn. Qed nara konflitt hawnhekk li qed jinkwetani*". Filfatt fis-sentenza appellata wkoll ikkummentat kif Borg ma kienx kapaċi jagħti spjegazzjoni kif f'aktar minn okkażjoni kien iddikjara li ma rċieva l-ebda ħlas mingħand Azzopardi.

**51.** Wieħed ukoll jistaqsi: kif Ronald Azzopardi u Vincent Borg qed jaqblu li Ronald Azzopardi kien ħallas lill-Borg u Zerafa l-Lm95,000, filwaqt li Zerafa jsostni li ma tħallsu xejn? Fil-kontro-eżami tiegħu Borg ġie mistoqsi dwar l-"O'Connor's Bar" f'San Pawl il-Baħar. Jirriżulta li Ronald Azzopardi kellu dan il-bar li kien ilu magħluq u Borg xehed "*Jiena kont tlabtu peress li rajtu magħluq u jien dilettant u dejjem naħdem fil-bars, għidtlu mhux aħjar nifthuh naqra dak il-ħanut milli tħallih magħluq u tani ċ-ċwievet u mort nifthu senza interessi….Ma nħallsux kera*". Xehed ukoll li l-introjtu jieħdu hu. Mistoqsi dakinhar tal-kontro-eżami tiegħu tal-1 ta Lulju 2010 kemm kien ilu jopera dan il-bar,

irrisponda li "xi" tlett snin.

**52.** Din il-qorti wara li qieset il-fatt li la Ronald Azzopardi u lanqas Vincent Borg ma ppreżentaw *breakdown* tal-pagamenti ammontanti għal Lm95,000 li allegatament għamel Azzopardi, li huwa inverosimili għall-aħħar li Azzopardi kien iħallas lill-prokuraturi flus kontanti u għal kull pagament ma kienux jagħtu riċevuta, u li l-kummissjoni li tħallsu kienet biss ta' Lm1,000 u mhux għall-inqas ta' Lm5,000 (u cioè nofs l-Lm10,000 oriġinarjament miftiehem, in vista tal-fatt li l-ammont oriġinali naqas minn Lm180,000 għal Lm95,000) hija tal-istess fehma bħall-ewwel Qorti li mhux verosimili li s-somma ta' Lm95,000 filfatt tħallset.

**53.** Hija tinsab konvinta dwar dan anke jekk ma tqisx ukoll l-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-fatt li Ronald Azzopardi ma spjegax kif sab likwidità biżżejjed biex iħallas l-ammont ta' Lm95,000 f'perijodu ta' 4 xhur, u l-fatt illi li kieku verament Azzopardi ħallas l-ammont ta' Lm95,000, Frenc Attard kien ser jiddepożita biżżejjed flus fil-kont *overdraft* biex jaqta' d-dejn li kellu mal-bank.

**54.** Isegwi għalhekk li ladarba ma ġiex sodisfaċentement provat li s-somma ta' Lm95,000 (li kienet tinkludi l-Lm25,000 mertu ta' din il-kawża) filfatt tħallset, l-ammont ta' Lm20,000 għadhom dovuti mis-soċjetà konvenuta appellanti lis-soċjetà attriċi appellata. (Il-Lm5,000 l-

oħra mhux dovuti in kwantu, kif irriteniet l-ewwel Qorti, jirrigwardaw imgħaxijiet mhux skont il-liġi).

**55.** Fir-rigward tad-Dok ND1 (riċevuta datata 29 ta' Novembru 2002 li permezz tagħha Frenc Attard iddikjara li rċieva mingħand Azzopardi s-somma ta' Lm105,000, li tinkludi r-ripagament ta' Lm70,000 li huwa kien sellef lil Azzopardi għan-nom u fl-interess tal-kumpanija HD holdings biex din takkwista żewġ *farmhouses* f'Għawdex) liema dokument tagħmel referenza għalih is-soċjetà konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell tagħha, din il-qorti ma tarax li dan għandu rilevanza għall-każ odjern. Il-pagamenti li skont Azzopardi huwa kien diġa għamel u li kienu erronjament inklużi fl-Lm180,000 kienu skont l-istess rendikont tiegħu jirrigwardaw ħlasijiet li saru bejn Settembru 2003 u Awwissu 2005. Skont l-istess Azzopardi jekk jitnaqqsu tali pagamenti, il-bilanċ dovut kien biss ta' Lm95,000. Din il-qorti jikkonċernaha biss jekk tħallsux l-Lm95,000, peress li dawn jinkludu l-ammont pretiż f'din il-kawża rigwardanti s-self li sar fit-28 ta' April 2005, u kif hija diġa spjegat, mhiex konvinta li dawn filfatt tħallsu.

**56.** Għal dawn il-motivi din il-qorti ssib li l-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti huwa infondat u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**57.** L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess soċjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb